# Santa Marija Baouardy

***ta' Ġesu Msallab***



Marija Baouardy twieldet fil-5 ta' Jannar 1846 f'Ibillin, fl-għoljiet tal-Galilea tat-tramuntana, minn familja li kienet ġejja minn Damasku fis-Sirja, u li kienet ta' rit Grieg Kattoliku (Melkita). Il-ġenituri ta' Marija kienu Giries u Mariam Chahine. Dawn kienu nies fqar imma ta' fidi kbira. Marija kienet it-tlettax-il wild tal-familja u l-ewwel tifla fil-familja ta' Giries u Mariam. Ħutha s-subien mietu ftit wara li twieldu. Marija twieldet wara li l-ġenituri tagħha kienu għamlu pellegrinaġġ bil-mixi lejn Bethlehem bħala wegħda lil Alla minħabba li kienu mietu uliedhom, xi 70 mil il-bogħod minn fejn kienu jgħixu. Meta wara dan il-pellegrinaġġ kellhom lil binthom huma semmewha "Marija" b'sinjal ta' qima lejn il-Madonna. Xi sentejn wara kellhom tifel ieħor li semmewh Pawlu. Giries u Mariam mietu fis-sena 1848, f'temp ta' ftit ġranet wara marda li qabdiethom. Marija u Pawlu spiċċaw iltiema, u kienu mrobbija miz-zijiet tagħhom taż-żewġ naħat, waħda ma wieħed u l-oħra ma ieħor f'żewġ villaġġi differenti. Marija ħa ħsieba hu missierha li kien jgħix fir-raħal fejn kienu jgħixu l-ġenituri tagħha. Wara li ġiet mifruda minn ħuha Marija qatt aktar ma reġgħet ratu. Hija kienet tgħix ħajja komda u kienet maħbuba hafna miz-ziju u z-zija tar-rispett li kienu qegħdin jieħdu ħsiebha.

Meta Marija kellha tmien snin, iz-zijiet li kienu qegħdin jieħdu ħsiebha iddeċidew li flimkien magħha jmorru jgħixu f'Alexandria l-Eġittu billi hemmhekk setgħu jkabbru l-business tagħhom. Ħames snin wara fl-1858, meta kellha tlettax-il sena, skont id-drawwa tal-post, iz-ziju ipprova jżewwigħa lil ħu l-mara, li kien jgħix fil-Kajr. Fil-lejl ta'qabel il-ġurnata tat-tieġ, waqt li kienet qegħda titlob, ħasset li hi ma kelliex tiżżewweġ imma toffri ħajjitha lil Alla. Meta filgħodu qalet b'dan lil zijuha, dan irrabja ħafna u refa' jdejh fuqha u sawwata ħafna. Minn hawn ir-relazzjoni ma zijuha ħżienet ħafna imma hi baqgħet soda fil-fehma tagħha.

Madankollu, Marija bdiet tħoss ħafna dwejjaq u bdiet tħossha waħeda. Hija kitbet lil ħuha li f'dak iż-żmien kien qiegħed jgħix ġewwa Nażaret u talbietu jiġi jżurha. Hija

www.fleurdelysparish.com

staqsiet wieħed ġuvni biex jwassal l-ittra lil ħuha. Dan meta nduna x'kien fiha l-ittra u l-kundizzjoni tagħha beda jiġri warajha hu stess. Huwa riedha tibdel ir-reliġjon u ssir Musulmana. Hi ma aċċettatax u darba waħda tant irrabja li qabad sikkiena, ħanxrielha għonqa, u kif kienet waddabha ġewwa wied fil-qrib. Hemmhekk Marija kellha esperjenza li hija stess issejħilha miraklużа. Kif tirrakonta hi stess, "hija rat soru libsa l-ikħal li ġabret il-ġisem tagħha, dewwietha u ħadet ħsieba ġo għar li Marija qatt ma rnexxielha issib". Hija tkompli tgħid li, "Is-soru damet tieħu ħsieba għal madwar 40 ġurnata sakemm għaddielha". Il-leħen ta' Marija baqa' dejjem batutu kawża tad-daqqa ta' sikkiena li qalet mingħand dan il-ġuvni. Tabib Franċiż kien qal li Marija kellha marka ta' tiċrita ta' madwar 4 pulzieri taħt għonqa. Meta kienet mhux ħażin hija sabet xogħol bħala fattiga ma familja fl-istess belt. Il-ftit flus li kienet taqla hija kienet tagħtihom lill-fqar li jkunu qegħdin jittalbu fit-triq.

Wara xi sena Marija iddeċidiet li tmur tfittex biex tiltaqa' ma ħuha. Hija telqgħet lejn Ġerusalem u marret iżżur is-Santu Sepulkru fejn ħasset li għandha tagħmel il-vot tal-kastità. Min hemm qabdet dgħajsa u rikbet għal Jaffa bil-ħsieb li mbagħad tibqa' sejra lejn Acre. Minħabba l-maltemp li nqala' waqqfu f'Bejrut. Hija aċċetat dan bħala r-rieda ta' Alla u għalhekk sabet xogħol bħala fattiga f'dik il-belt. Wara ftit taħdem hemm, ħabta u sabta hija sabet ruħha ma tarax. Damet hekk erbgħin ġurnata, meta f'daqqa waħda reġgħet bdiet tara. Mhux ħafna wara hija reġgħet kellha aċċident ieħor meta waqat u kienet f'kundizzjoni li titlef ħajjitha bil-ġrieħi li kellha. Imma dawk li kienet taħdem magħhom tant ħadu ħsiebha li bil-mod il-mod fieqet għal kollox. F'Mejju 1863, iltaqgħet ma benefattur li ħallas biex Marija tkun tista' tmur lejn Marsilja fi Franza. Hemmhekk hija bdiet taħdem bħala koka ma familja Għarbija. Kien f'dan iż-żmien li bdiet tħoss is-sejħa li Alla kien qiegħed jagħmillha biex tidħol soru. Ippruvat diversi kongregazzjonijiet imma ma kienetx aċċettata sakemm darba f'Mejju 1865 kienet aċċettata mis-Sorijiet ta' San Ġużepp ta' l-Apparizzjoni bħala postolant. Dawn kellhom kunventi fl-Art Imqaddsa. Kien hawnhekk fejn hija irċeviet il-pjagi ta' Sidna Ġesù Kristu fid-29 ta' Marzu 1867 li minnhom kien joħrog id-demm nhar ta' Ġimgħa. Meta kienet waslet għall-profesjoni solenni, l-Madre li kienet tieħu ħsieb in-novizzi, Madre Honorine li wara kitbet il-ħajja ta' Marija wara li semgħetha minn għandha, inbidlet u laħqet flokha Madre Veronika. Wara sentejn bħala postulant, Marija kien wasalilha żmien biex is-sorijiet jiddeċiedu permezz ta' vot jekk kellhiex tiġi aċċettata fil-kongregregazzjoni. B'għaġeb kbir għaliha s-sorijiet ivvutaw kontra u għalhekk ma kienetx aċċetata.

F'dik il-ħabta Madre Veronika kienet għadha kif irċeviet il-permess biex minn soru tas-Sorijiet ta' San Ġużepp ta' l-Apparizzjoni tkun tingħaqad tas-Sorijiet Karmelitani, fil-kunvent ta' Pau biex tibda tifforma komunita ta' sorijiet missjunarji Karmelitani

biex imorru jaħdmu fl-Indja. Suor Veronika stiednet lil Marija biex tmur magħha, u kitbet lis-Superjura biex jaċċetaw li din iż-żgħażugħa Għarbija. Il-Madre laqgħet is-suġġeriment ta' Sour Veronika u f'Ġunju 1867, iż-żewġ nisa marru ġewwa Pau fejn irċievew il-libsa ta' Sorijiet Karmelitani. Fil-professjoni Marija ħadet l-isem ta' Marija ta' Ġesù Msallab.

Fl-1870 Marija marret ma l-ewwel grupp ta' Sorijiet Karmelitani f'Mangalore, l-Indja. Hija damet hemm sentejn u reġgħet marret lejn Pau fejn għamlet il-professjoni solenni. F'Settembru 1875 hija waqqfet kunvent tas-sorijiet ġewwa Bethlem. Dan kien l-ewwel kunvent tal-Ordni fil-Palestina u baqgħet f'dak il-kunvent sakemm mietet. Mhux l-ewwel darba li s-sorijiet rawha tidħol f'estasi. Il-monasteru waqqfitu fuq għolja li hi rat fiha r-rabta ma' David, ir-ragħaj ta' Betleħem li sar sultan tal-poplu Lhudi u antenat tal-Messija. F'April 1878 Marija kienet fi vjaġġ fil-Palestina, fil-pjanura ħdejn Latrun. Hemmhekk hi kellha rivelazzjoni li f'dak il-post kien hemm il-fdalijiet tar-raħal ta' Emmaws fejn Ġesù rxuxtat deher liż-żewġ dixxipli nhar Ħadd il-Għid filgħaxija u magħhom qasam il- ħobż. Fil-fatt dan hu l-post bibliku ta' Amwas, Emmaus-Nicopolis, fejn hemm fdalijiet ta' bażiliċi Biżantini. Hu wieħed mill-postijiet marbutin mal-ġrajja ta' Emmaws, u jinsab ħafna aktar bogħod minn Ġerusalemm.

Marija mardet b'tumur fl-għadam u mietet dik is-sena stess, nhar is-26 ta' Awwissu 1878, f'Betlehem. Il-kawża għall-kanonizzazzjoni Marija ta' Ġesù Msallab, magħrufa wkoll bħala l-"Għarbija ċkejkna" bdiet fit-18 ta' Mejju 1987. Fit-13 ta' Novembru 1983 il-Papa Qaddis Ġwann Pawlu II ibbeatifika lil Marija Baouardy ta' Ġesù Msallab. Il-Papa Franġisku xandarha bħala qaddisa fis-17 ta' Mejju 2015. L-Ordni Karmelitan jagħmel it-tifkira tagħha fis-25 ta' Awwissu. Il-fdalijiet tagħha jinsabu fil-knisja tal-Karmnu ġewwa Bethlem. Il-qabar tagħha jżuruh bosta Insara u Musulmani kuljum.

www.fleurdelysparish.com

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on

***fleurdelysmalta.parish***